

Brussell, 23 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14538/23

FIN 1086
INST 413

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA (EMSA), L-AĠENZIJA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA (EASA) U L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI FIL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI (EUROJUST)

F'konformità mal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni:

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)* u l-*Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)* jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbula tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EASA għas-sena finanzjarja 2023 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2023. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EMSA u l-EASA għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)* jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limiti massimi għan-nefqa maqbula tal-intestatura 2b tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-Eurojust għas-sena finanzjarja 2023 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2023. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-Eurojust għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.